MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2005

Numru. 1102/2004

Il-Pulizija
(Spettur Ramon Mercieca)
vs
Clayton Bezzina

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Clayton Bezzina, detentur tal-karta ta' l-identita numru 426279(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli nhar it-8 ta' Dicembur 2004 ghall-haba ta' l-00.15hrs gewwa l-Belt Valletta :

1) Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' PS 1444 Kenneth Brignano persuna inkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku filwat li kien qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn Awtorita kompetenti, u dan bi ksur ta' l-Artiklu 96 (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PS 1444 Kenneth Brignano persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew minhabba li ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li tbezzghu jew li tinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz bi ksur ta' Artikolu 95 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3) Ghamel offiza ta natura hafifa fuq il-persuna ta' PS 1444 Kennteh Brignano skond kif iccertifika Dr Adrian Spiteri MD mill-isptar San Luqa u dan bi ksur ta' Artikolu 221 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4) Hebb ghal PS 1444 sabiex jingurjah, iddejjqu, jew jaghmillu hsara u dan bi ksur ta' l-artikolu 339 (d) u (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5) Volontarjament kiser il-paci pubbliku u l-bon ordni b'ghajjat u glied u dan bi ksur ta' l-artikolu 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6) Qal fil-pubbliku kliem oxxen; liema kliem kien jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338 (bb) u 342 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7) Bi hsieb li itellef jew inaqqas l-gieh ta' PS 1444 wegghu bi kliem b'gesti jew b'mod iehor u dan bi ksur ta' l-Artikolu 252 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8) Imbotta lill-imsemmi PS 1444 sabiex iwegghu jew jinsultah u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
9) Ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom jew b'xi mod iehor indahlu fid-dmirijiet taghhom u dan bi ksur ta' Artikolu 338 (ee) tal-Kap. tal-Ligijiet;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' PS 1444 u tapplika l-provvedimenti ta' Art 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni;

Issibu hati wara li rat l-Artikoli 95, 96, 221 (1), 17, 31, 37, 338 (dd), 338 (bb), 342, 252, 339 (1) (d) u 338 (ee) tal-Kap. 9;

Ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena il-fatt illi l-imputat skuza ruhu ta’ dak illi gara, irregistra ammissjoni, ikkopera matul l-investigazzjoni ghall-akkadut.

Ghalhekk wara illi rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------